Mellieħa

11 ta' Awwissu 2020

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 17**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **17** li ser issir b'mod virtwali permezz ta' Skype nhar it-Tlieta 17 ta' Awwissu 2020 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tiġi rrekordjata u l-filmat tagħha jista' jitnizzel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

17.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

17.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

17.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

17.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

17.5. Mozzjoni dwar il-ftuħ ta' kont bankarju għal flus miġbura f'isem entitajiet pubbliċi;

17.6. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt wara Sejħa għall-Offerti MLC 2/2020 – Servizz ta' *Contracts Manager;*

17.7. Mozzjoni dwar l-eliminazzjoni mill-kotba ammonti dovuti lil kredituri u minn debituri tal-Kunsill;

17.8. Sejħa għall-Offerti MLC 3/2020 - Bdil ta' *outdoor gym equipment* u *rubber flooring* fil-Park tal-Familja;

17.9. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

17.10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# MOZZJONIJIET

**17.5. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar illi tgħid:**

*"Billi l-banek kummerċjali mhumiex qed jaċċettaw id-depożitu ta' flus f'kontanti miġbura mill-Kunsill f'isem entitajiet pubbliċi bħalma huma id-Dipartiment tal-Kummerċ, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, l-Awtorità tal-Artijiet; Transport Malta, u t-Traffic Management System; u*

*Billi l-Artiklu 19 tar-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Finanzi) (L.S. 363.01) jippermettu l-ftuħ ta' kontijiet bankarji;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li għandha ssir talba lil Bank of Valletta plc sabiex jiftaħ kont bankarju bl-isem "Mellieħa Local Council – Other Entities Account" bil-għan li jiġu ddepożitati u trasferiti flus li jappartjenu lill-entitajiet imsemmija (B/1/Vol II)*

| | |
|---|---|
| Rebecca Bartolo Cutajar | Gabriel Micallef |
| **Kunsillier (Proponent)** | **Kunsillier (Sekondant)** |

**17.6. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

*"Billi l-kuntratt li jipprovdi għal servizz ta' Contracts Management u Servizzi Anċillari skada u għalhekk saret sejħa għall-offerti (MLC 2/2020) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mir-Rapport ta' Evalwazzjoni datat 14 ta'Awwissu 2020; u;*

*Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2020 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata s-servizz imsemmi taħt il-vot 3120;*

*Jirriżolvi illi għandha tiġi addottata r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni u għalhekk tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u sussegwentement jiġi iffirmat il-kuntratt relattiv ma' Yama Yami Ltd, għal perjodu ta' erba' (4) snin b'effett mill-1 ta' Settembru 2020, bir-rata annwali ikkwotata fid-dokument tal-offerta relattiv.". (K/6/5/2)*

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Annabelle Brincat Stellini |
| **Sindku (Proponent)** | **Kunsilliera (Sekondant)** |

**17.7. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

*"Billi fl-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) għas-sena finanzjarja 2019, mibgħuta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ġie osservat li hemm kontijiet li ntbagħtu diversi snin ilu u għadhom jidhru fuq il-kotba li huma:*

| *Sena* | *Kreditur* | *Servizz* | *Ammont* |
|---|---|---|---|
| *2013* | *Euro Clean Waste Serices* | *Tindif ta' toroq urbani* | *€12,096.67* |
| *2013* | *Malta Fairs & Conventions Centre Ltd* | *Kiri ta' tagħmir – Milied Mellieħi 2012* | *€1,040.76* |
| *2014* | *GeoMatrix Surveing* | *Survey topografiku* | *€619.50* |

*Billi l-udituri nnutaw ukoll li hemm kontijiet illi jammonta €7,545.49 li nħarġu mill-Kunsill lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qabel Marzu 2013, dwar tiswijiet ta' trinek li saru sabiex jingħataw servizzi, liema ammonti baqgħu ma ġewx onorati;*

*Billi l-udituri kkummentaw li għadda żmien biżżejjed sabiex il-Kunsill jiddeċiedi x'jsir minnhom;*

*Fid-dawl tal-fatt li l-kredituri msemmija ma baqgħux jinsistu fuq l-ammonti ndikati, filwaqt li d-debitu dovut ma jidhirx li ser jitħallas, il-Kunsill jirriżolvi li ċ-ċifri msemmija jinqatgħu minn fuq il-kotba.*
*(B/1/Vol II)*

John Buttigieg
**Viċi Sindku (Proponent)**

Ivan Castillo
**Kunsillier (Sekondant)**